MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Numru. 357/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Julie Galdes**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Julie Galdes bint Dominic u Rita nee' Cassar mwielda Pieta fil-11 ta' Awissu 1987 u residenti 63, Zodiac, Flat 11, Triq ir-Rebha, Gzira, ID 361587 (M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Jannar 2007 u matul l-ahhar erba' snin qabel din id-data
(a) kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, li kkoperat mal-pulizija u li l-fedina penali taghha hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-

konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti twissiet lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hatja esprimiet r-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------